MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2011

Numru. 1152/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jesmond Micallef]**

**vs**

**Martin Attard**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Martin Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 698262(M).

Akkuzat talli:
Nhar l-4 ta’ Dicembru 2009, f’xi hin matul il-gurnata, f’dawn il-Gzejjer, u cioe` gewwa l-fond Datax Computer Outlet, Triq l-Abate Rigord, Ta; Xbiex, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti

mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c) izda mhux aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2.329.37c) ghad-dannu ta' Stephen Saliba u/jew ta' persuni ohra;

U akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghad-dannu ta' Stephen Saliba u/jew ta' persuni ohra, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c) izda mhux aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37c).

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u wara li rega' inghata z-zmien skont il-Ligi biex jahsibha rega' kkonferma tali ammissjoni;

Rat l-atti processwali inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u l-fedina penali tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 308 u 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputat Martin Attard hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante li l-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali huwa assorbit fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-imputat ghal tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2). Illi di piu`, a bazi tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 qeghda tordna lill-imputat li jirrestitwixxi lura s-somma ta' sitt mija u ghoxrin Ewro lil Stephen Saliba u dan fi zmien sitt xhur mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------